Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9837 — BP/Sinopec Fuel Oil Sales/BP Sinopec Marine Fuels)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 6/13)

1. Fit-22 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BP Plc (ir-Renju Unit),

— Sinopec Fuel Oil Sales Co. Ltd (ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina), ikkontrollata miċ-China Petrochemical Corporation (ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina),

— BP Sinopec Marine Fuels Pte Ltd

BP Plc u Sinopec Fuel Oil Sales Co. Ltd jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' BP Sinopec Marine Fuels Pte Ltd.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' kuntratt.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BP Plc: l-esplorazzjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali; ir-raffinar, il-kummerċjalizzazzjoni, il-forniment u t-trasport ta' prodotti petroliferi; il-produzzjoni u l-provvista ta' petrokimiċi u prodotti relatati; u l-provvista ta' enerġija alternattiva,

— Sinopec Fuel Oil Sales Co. Ltd: il-forniment ta' prodotti u servizzi taż-żejt lil bastimenti kummerċjali domestiċi u internazzjonali,

— BP Sinopec Marine Fuels Pte Ltd provvista bl-ingrossa u bl-imnut ta' karburanti tal-bunker fl-Ewropa, l-Asja u l-Lvant Nofsani.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9837 — BP/Sinopec Fuel Oil Sales/BP Sinopec Marine Fuels

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË